MCCAA

MALTA COMPETITION AND
CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

MIZZI HOUSE, NATIONAL ROAD,
BLATA L-BAJDA ĦMR9010,
MALTA

+356 2395 2000

# Premju Servizz bi Tbissima 2024

**Ippublikati:** **Il-Ħamis, 6 ta' Ġunju, 2024**

## Għanijiet

**Għaliex twaqqaf il-Premju Servizz bi Tbissima u x'inhu l-iskop tiegħu?**

Premju Servizz bi Tbissima ġie mwaqqaf biex jirrikonoxxi dawk l-istabbilimenti/fornituri ta' servizzi li għandhom relazzjoni tajba mal-konsumaturi u joffru servizz ta' kwalità għoli lill-klijenti filwaqt li jinkoraġġixxu u jippromwovu prattiċi kummerċjali tajbin.

## Termini u Kundizzjonijiet

**Min jista' jivvota?**

1. Din il-kompetizzjoni hija miftuħa għar-residenti tal-gżejjer Maltin.

2. Dawk li jivvutaw irid ikollhom 16-il sena jew iktar. Tista' tiġi mitluba prova tal-identità u tal-età tal-persuna li qed tivvota.

3. Parteċipanti li jużaw isem jew email falz jiġu skwalifikati.

4. Wieħed jista' jivvota għal aktar minn stabbiliment/ bejjiegħ wieħed f'kull kategorija imma ma jistax jivvota għall-istess stabbiliment/ bejjiegħ aktar minn darba.

5. Kull persuna tista' tivvota sa għaxar (10) darbiet f'kull kategorija. F'każ fejn jiġu sottomessi aktar minn għaxar (10) voti mill-istess konsumatur f'kategorija waħda, l-ewwl għaxar (10) voti sottomessi jitqiesu bħala validi.

MCCAA

MALTA COMPETITION AND
CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

MIZZI HOUSE, NATIONAL ROAD,
BLATA L-BAJDA ĦMR9010,
MALTA

+356 2395 2000

6. Ħaddiema ma jistgħux jivvutaw għall-kumpanija li huma impjegati magħha. Dawn il-voti jiġu kkunsidrati invalidi u l-parteċipanti ma jkunux eleġibbli li jirbħu l-premji tal-kompetizzjoni.

7. Formoli mhux kompluti jew li ma jintgħarfux mhumiex meqjusa validi u għalhekk ma jiġux aċċettati.

8. L-MCCAA mhijiex responsabbli għal dawk il-formoli li jintilfu minħabba xi problema teknika.

9. Kull ġimgħa bejn **it-Tlieta, 2 ta' Lulju 2024** u **t-Tlieta, 30 ta' Lulju 2024** jittella' rebbieħ u jkun eliġibbli li jirbaħ wieħed minn erba' premjijiet ta' €200-il wieħed. L-isem tar-rebbieħ tal-ġimgħa jitħabbar fuq il-paġna ta' Facebook tal-MCCAA kull nhar ta' Tnejn, bl-ewwel rebbieħ jitħabbar nhar **it-Tnejn, 8 ta' Lulju 2024**.

10. Ir-rebbieħ jiġi mitlub jirrispondi mistoqsija biex ikun jista' jieħu l-premju.

11. Il-premjijiet fi flus jingħataw kull ġimgħa f'lokalità magħżula mill-organizzaturi tal-kompetizzjoni. Ir-rebbieħ irid ikun disponibbli sabiex jiġbor il-premju.

12. Isiru sforzi raġjonevoli biex isir kuntatt mar-rebbieħ. Jekk ir-rebbieħ ma jkunx jista' jiġi kkuntattjat, jew ma jkunx mexa skont dawn it-termini u kundizzjonijiet, l-MCCAA tirriserva d-dritt li toffri l-premju lill-parteċipant li jmiss li jitla' bix-xorti.

13. Ir-rebbieħa jaċċettaw li jsir użu mill-isem, ritratt u email tagħhom u li jikkoperaw ma' talbiet oħra raġjonevoli tal-MCCAA għal xi pubbliċità marbuta mar-rebħ tal-premju.

14. Id-dettalji personali tal-parteċipanti kollha se jintużaw biss għal fini tal- kompetizzjoni u se jitħassru fi żmien sitt xhur wara li tintemm il-kompetizzjoni.

MIZZI HOUSE, NATIONAL ROAD,
BLATA L-BAJDA ĦMR9010,
MALTA

+356 2395 2000

**Lil min jistgħu jivvutaw il-konsumaturi għall-Premju Servizz bi Tbissima?**

15. Dan il-Premju huwa miftuħ għal kull negozju li jbigħ prodotti jew joffri servizzi lill-konsumaturi li jaqgħu taħt waħda mis-sitt kategoriji magħżula għall-edizzjoni ta' din is-sena.

16. F'din il-kompetizzjoni jistgħu jiġu vvutati biss kumpaniji u bejjiegħa bbażati lokalment. Individwi li jbiegħu prodotti iżda li mhumiex reġistrati bħala negozju ma jistgħux jiġu vvutati.

17. Taħt il-kategorija tal-Bejjiegħa Lokali Online, il-konsumaturi jistgħu jivvutaw biss għan-negozjanti li joffru għall-bejgħ prodotti u servizzi li jistgħu jinxtraw bis-sħiħ permezz ta' kuntratt ta' bejgħ mill-bogħod. Bejjiegħa li jirreklamaw biss prodotti jew servizzi onlajn iżda ma joffrux lill-konsumaturi l-possibbiltà li jikkonkludu x-xiri permezz ta' mezz ta' komunikazzjoni ma jistgħux jiġu vvutati f'din il-kategorija.

18. Filwaqt li l-kumpaniji huma mħeġġin jippromwovu l-kompetizzjoni Premju Servizz bi Tbissima, u fejn ikun hemm bżonn, jispjegaw lill-konsumaturi kif għandhom jivvutaw, dawn ma jistgħux jivvutaw f'isem il-konsumaturi. Fejn ikun hemm aktar minn 50 vot lill-istess bejjiegħ mill-istess IP address, dawn il-voti jiġu investigati. Jekk ikun hemm xi irregolaritajiet jew ksur tat-Termini u Kundizzjonijiet, il-voti jistgħu jiġu meqjusa invalidi. Il-kumpaniji jiġu infurmati dwar l-investigazzjoni u jintalbu jipprovdu s-sottomissjonijiet tagħhom fi żmien stipulat.

19. Voti invalidi mill-istess IP Address jitnaqqsu l-ewwel, qabel ma jiġu applikati kwalunkwe penali/tnaqqis ieħor skont it-termini u l-kundizzjonijiet l-oħra tal-kompetizzjoni.

20. l-kumpaniji ma jistgħux jinċentivaw lill-konsumaturi biex jivvutaw għall-kumpanija tagħhom permezz ta' roħs jew rigali. Kumpaniji li jiksru din il-kundizzjoni jiġu skwalifikati mill-kompetizzjoni.

MCCAA

MALTA COMPETITION AND
CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

MIZZI HOUSE, NATIONAL ROAD,
BLATA L-BAJDA ĦMR9010,
MALTA

+356 2395 2000

**Il-Kategoriji tal-Premju Servizz bi Tbissima**

Din is-sena hemm sitt kategoriji fejn stabbilimenti/ bejjiegħa jistgħu jiġu vvutati. Dawn huma:

- Bejjiegħa Lokali Onlajn
- Moda u Sbuħija
- Supermarkets u Mini Markets
- Apparat Elettroniku u Oġġetti tad-Dar
- Vjaġġar u Servizzi ta' Trasport
- Ħwienet tal-Annimali u tal-Pjanti

**Kriterji tal-għażla**

Biex ikunu eliġibbli jerbħu dan il-Premju, l-istabbilimenti/ bejjiegħa għandhom jirrispettaw il-Kodiċi ta' Kondotta marbut mal-Premju. Il-Kodiċi jirrappreżenta u jkopri ċ-ċiklu sħiħ tal-akkwist tal-prodotti/ servizzi.

**Kodiċi ta' Kondotta**

a. Jippromwovi relazzjoni tajba mal-klijenti
b. Josserva r-regolamenti kollha relatati
c. Jirreklama u jipprovdi informazzjoni kollha b'mod ċara u korrett, inkluż il-prezzijiet mingħajr ma jqarraq bil-konsumatur
d. Jifhem ir-rekwiżiti tal-klijent u jagħtih l-aħjar parir skont il-ħtiġijiet tiegħu
e. Jindika/ jikkwota l-prezz finali li se jħallas il-konsumatur u jagħtih irċevuta
f. Jassigura li l-ilment tal-konsumatur jiġi trattat u solvut fi żmien raġjonevoli
g. Jevita, fejn ikun possibbli, li l-ilmenti jiġu riferuti għand it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi, billi jagħżel li jsib soluzzjoni xierqa permezz tal-medjazzjoni
h. Jipprovdu servizz ta' wara x-xiri adegwat
i. Fejn tingħata garanzija kummerċjali, din m'għandhiex ikollha kundizzjonijiet inqas vantaġġuzi minn dik li tipprovdi l-liġi

MCCAA

MALTA COMPETITION AND
CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

MIZZI HOUSE, NATIONAL ROAD,
BLATA L-BAJDA ĦMR9010,
MALTA

+356 2395 2000

21. Il-kumpaniji nominati kollha jiġu vverifikati skont il-Kodiċi ta' Kondotta tal-Kompetizzjoni. 25% tal-voti riċevuti għandhom jitnaqqsu għal kull Kodiċi miksur.

22. Il-kumpaniji nominati li kellhom xi każijiet quddiem it-Tribunal u s-sentenza inqatgħet kontrihom fi żmien 12-il xahar qabel it-30 ta' Lulju 2024 ikollhom 25% tal-voti mnaqqsa għal kull każ maqtugħ kontrihom. Jekk każ ikun ġie maqtugħ parzjalment favur il-konsumatur, 10% tal-voti jiġu mnaqqsa. Jekk sentenza tat-Tribunal tiġi appellata mill-bejjiegħ u s-sentenza tkun għadha pendenti, ma jitnaqqsu l-ebda voti.

23. Jekk kumpanija nominata jkollha aktar minn 10 ilment dwar kwistjonijiet differenti reġistrati kontriha mal-MCCAA fl-aħħar 12-il xahar qabel it-30 ta' Lulju 2024, il-kumpanija jitnaqqsulha 50% tal-voti li tkun irċeviet.

24. Il-kumpaniji nominati jiġu skwalifikati mill-Kompetizzjoni jekk waqt il-proċess ta' verifika jirriżulta li fl-aħħar sentejn kienu investigati minn Awtorità regolatorja u nstabu ħatja. Barra minn hekk, l-ebda dikjarazzjoni pubblika ma trid tkun inħarġet minn xi Awtorità Regolatorja jew assoċjazzjoni tal-konsumaturi kontra n-negozju matul is-sentejn preċedenti qabel ma tiġi sottomessa n-nomina.

## Ir-Rebbieħa ta' Premju Servizz bi Tbissima

Ladarba jiġu mħabbra r-riżultati tal-kompetizzjoni, dawn ikunu finali.

Ir-rebbieħ ta' kull kategorija jitħabbar waqt iċ-ċerimonja tal-għoti tal-Premju Servizz bi Tbissima li se ssir fl-aħħar kwart tal-2023.

Is-sitt rebbieħa jingħataw trofew, ċertifikat, kif ukoll l-użu tal-logo tal-Premju Servizz bi Tbissima.

Jekk fi żmien sena mit-tħabbir tar-rebbieħa, dawn jirriżultaw ħatja ta' ksur ta' regoli u regolamenti li huma legalment obbligati josservaw, l-MCCAA tirriserva d-dritt li tirtira l-premju.

Għal aktar informazzjoni dwar il-Premju Servizz bi Tbissima, wieħed jista' jikkuntattja lill-MCCAA fuq l-email: info@mccaa.org.mt jew iċempel fuq 2395 2000.